DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................... ĦINIJIET ................. POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ...................................... DATA/DATI ........................................

DIRETTUR/REĠISTA: ..................................

*Notamenti*

**GĦASFUR TAĊ-ĊOMB**

*2 Att, p.90 (M)*

## EŻRA

**ELEN MA JIMPURTAHIEX AKTAR.**

Elen ma jimpurtahiex aktar. Taf li qed tibki?

/ Qed tibki – hemm fuq! Tibki. Imma titħassarhiex lanqas lilha. Għid minflok – il-ħasra fuqi u fuq uliedi... Għidha, Xiħ!

/ Miskina Elen. Mhix qalbha ħażina Elen imma. Mhux dejjem kienet hekk. Darba imma, niftakar, darba konna sibna bugħarwien fil-kċina. Qed tisma', Xiħ!? Kienet qed tagħmel it-te Elen, hemm, fil-kċina, u sibna bugħarwien taħt is-sink, fil-kabord.

Kien hemm żmien kont naħseb li bugħarwien mhux għajr bebbuxu bla kenn, ifittex dar. Kont naħseb, min jaf kieku nsiblu dar, insiblu qoxra vojta ta' bebbuxu, biex jidħol fiha?...

/ Sibnieh hemm, ilbieraħ, waqt ħin it-te. Kien daħal fil-kabord u ħalla ż-żlieġa tiegħu fuq kollox – fuq il-platti, l-iskutelli, il-plattini… U t-tazez ukoll. It-tazez ukoll, qed tisma'? U Elen irrabjat għax kellha terġa' taħsel kollox fil-kabord – il-platti, l-iskutelli u l-plattini – u t-tazez ukoll. Kollha, barra waħda. Wara għamlitilna t-te. Ġo dik it-tazza wkoll. U ġiet tatek it-te, lilek ukoll. U int xrobt minnha… dik it-tazza.

Miskina, Elen. *(162)*

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU .............

**PROPS** ..............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.

PDF p. 90